DIPARTIMENT TAL-INFORMAZZJONI
*DEPARTMENT OF INFORMATION*
MALTA

# Press Release

**PR201533** **11.08.2020**

**STQARRIJA MILL-UFFIĊĊJU TAL-ISPEAKER**

***NTSF Mini-European Assembly fil-Parlament***

L-Ispeaker tal-Kamra tad-Deputati Anġlu Farrugia ppresedja l-finali tal-Mini-European Assembly 2020, organizzata mill-National Student Travel Foundation (NSTF), li nżammet fil-Parlament ta' Malta.

Imwaqqfa 43 sena ilu fl-1977, il-National Student Travel Foundation (NSTF) għenet bosta studenti Maltin u anke barranin permezz ta' inizjattivi edukattivi intiżi sabiex jagħtu liż-żgħażagħ esperjenza utli għall-ħajja, b'opportunitajiet ta' laqgħat f'Malta u pajjiżi oħra fejn huma mhux biss jaqsmu ideat ma' sħabhom, iżda saħansitra jieħdu azzjoni fuq temi ta' interess komuni fuq livell internazzjonali. L-għan aħħari hu li l-istudenti jagħrfu l-importanza tas-solidarjetà umana u l-impenn tagħhom favur rabtiet ta' ħbiberija fost il-ġnus.

F'dan il-kuntest, l-Ispeaker Anġlu Farrugia fisser is-suċċess tal-Mini-European Assembly bħala inizjattiva li tgħin lill-istudenti japprezzaw jaħdmu fi grupp, jaqsmu l-ideat, itejbu l-ħiliet tagħhom ta' persważjoni, jirriflettu dwar il-ħsibijiet espressi minn ħaddieħor, jitgħallmu minn xulxin, u flimkien jieħdu l-aħjar deċiżjonijiet għal ġid komuni. Dawn għandhom jitqiesu bħala elementi importanti f'demokrazija parteċipattiva u waħda ħajja.

Matul din l-edizzjoni tal-Mini-European Assembly, l-istudenti parteċipanti ddiskutew l-immigrazzjoni illegali. L-Ispeaker fisser id-determinazzjoni ta' kull individwu li jirreaġġixxi b'mod assolut għal sitwazzjoni iebsa jew theddida għall-għajxien tiegħu. Huwa kompla billi qal li dawn in-nies ikunu saħansitra lesti jħallu art twelidhom sakemm isibu dak l-ambjent li huma jqisu bħala l-aħjar wieħed fejn jistgħu jgħixu b'mod dinjituż. Hu tenna li l-gvernijiet huma obbligati li jipproteġu, iħarsu, isostnu, jikkuraw u jirrispettaw id-dinjità tal-persuna umana, kemm taċ-ċittadini tagħhom u oħrajn. Hu insista li ebda persuna m'għandha tkun soġġetta mill-awtoritajiet governattivi għal trattament inuman u diskriminatorju.

L-Ispeaker qal li l-gvernijiet huma obbligati li jaħdmu għall-progress ekonomiku u soċjali tal-popli tagħhom u għaż-żamma tal-ordni internazzjonali u l-paċi, irrimarka li fid-dinja llum hemm numru ta' konflitti reġjonali kif ukoll realtajiet ta' nuqqas ta' żvilupp uman, li huma raġunijiet ewlenin li jwasslu sabiex individwi jħallu art twelidhom u jfittxu ġejjieni aħjar f'pajjiżi oħra. L-Ispeaker qal li huwa stmat li madwar 258 miljun persuna, jew tlieta (3) fil-mija tal-popolazzjoni fid-dinja, huma meqjusa bħala emigranti, jiġifieri persuni li qed jgħixu f'pajjiż lil hinn minn pajjiżhom.

L-Ispeaker, waqt li tenna l-obbligu tal-komunità internazzjonali li tħares u tagħti kenn lill-emigranti minn persekuzzjoni, ġenoċidju, trattament diskriminatorju u tkasbir tad-drittijiet u libertajiet



3, CASTILLE PLACE, VALLETTA VLT 2000 Tel +(356) 2200 1700
**press.releases@gov.mt www.doi.gov.mt**

fundamentali tal-individwu, spjega li din il-kriżi umanitarja teħtieġ li tkun trattata b'mod mill-aktar wiesgħa f'kuntest ta' politika favur l-iżvilupp uman u li tippromwovi s-sliem u l-paċi fost il-ġnus.